MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 124/2008

Kawza fil-lista:  16

**C A B**
**vs**
**C E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:  li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta’ April 2005, u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsnes matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255; ghaldaqstant talbet li z-zwieg jigi dikjarat null minn din il-Qorti, u li din in-nullita’ tigi debitament registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv, bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut issolleva li huwa ma jopponix ghat-talba attrici, purche li jigi dikjarat li l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat; li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment wara ftit xhur, tant li fl-24 ta' Frar 2007 huma ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-2 ta' April 2005 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taz-zewg partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Min-naha tieghu l-konvenut ma jopponix ghat-talba kif bazata.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta' April 2005 wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa erba' snin. Wara konvivenza qasira ta' sena u tmien xhur huma sseparaw de facto, u fl-24 ta' Frar 2007 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attrici*

L-attrici tghid li sa miz-zmien tal-gherusija huma kienu jillitigaw hafna, u l-konvenut kien juri nuqqas ta' sensittivita' u affezzjoni fil-konfront taghha, allura l-gharusa tieghu. Tilmenta li l-konvenut huwa bniedem ghazzien u li kien juri li kien indifferent ghaliha u ghax-xewqat taghha. Tghid li matul l-gherusija fuq xewqa taghha huma qatt mghamlu l-att taz-zwieg.

Tghid li wara z-zwieg is-sitwazzjoni aggravat, u l-partijiet bdew jirriskontraw problemi ta’ komunikazzjoni mill-bidunett. Huwa wera li ma kienx lest li jerfa’ r-responsabbilitajiet taz-zwieg, u mill-bidunett wara li zzewwgu ghamilha cara li hu ma riedx tfal peress li dawn kienu ta’ xkiel ghall-hajja li xtaq hu. Tghid li l-att taz-zwieg kien isir b’mod li ma jistghux jitwieldu tfal, u dan nonostante l-oppozizzjoni taghha, izda hi kienet taccetta biex tikkuntenttah. Eventwalment kien beda juru riluttanza li jkollu relazzjonijiet intimi ma’ l-attrici

*Verzjoni Konvenut*

Illi l-konvenut cahad l-allegazzjonijiet kollha mputati lilu mill-attrici. Huwa cahad li hu bniedem ghazzien u spjega kif sa minn qabel iz-zwieg kien imur jghin lil missierha fil-post li kien akkwista; cahad li kien indifferent fil-preparamenti tat-tieg, u spjega li l-attrici stess kienet tghidlu li ma kellux ghalfejn jinvolvi ruhhu peress li kienu ser ihallsu kollox il-genituri taghha; cahad li huwa ma riedx tfal fiz-zwieg, u spjega li sa mill-gherusija l-partijiet kienu waslu fi ftehim li ma jkollhomx tfal fl-ewwel tlett snin taz-zwieg biex igawdu ftit; cahad li fl-gherusija ma kienx isir l-att taz-zwieg, u jghid li kien isir b’ mod regolari bl-uzu tal-condom.

Il-konvenut jghid li, wara z-zwieg, l-attrici kienet dominanti fuqu u kienet tirristringilu anke fejn imur. Minn naha tieghu, huwa bniedem normali li kien kuntent bl-gharusa li kellu; u anke l-genituri taghha kienu kuntenti bih.

Jichad li hu kien jimponi ruhu fuqha fir-relazzjonijiet intimi, u jafferma li dak li sar bejniethom sar bil-kuntentezza tat-tnejn. Jghid li mhux dan kien il-kawza tat-tifrik taz-zwieg, izda l-fatt li l-attrici, li tahdem bil-computer, kienet tqatta’ sieghat twal fuq il-computer sas-sieghat bikrin ta’ filghodu, tant li l-konvenut kien jissuspetta li kienet qed tkun infidila lejh. Eventwalment ir-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom kienu bdew jonqsu peress li hi kienet tirrifjutah, sakemm fl-ahhar spiccaw ghal kollox.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f'dan il-kaz, din il-Qorti, wara li semghet ix-xhieda tal-partijiet u x-xhieda prodotti, hija tal-fehema li jikkonfigura fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

Iz-zewg partijet kienu ilhom johorgu flimkien ghal certu tul ta' zmien, u, partikolarment fil-konfront ta' l-attrici, kien hemm affarijiet fil-karattru tal-konvenut li diga' kienet taf bihom u li kienu diga' qed jdejjquha, izda, minflok hasbet l-affarijiet sewwa, hija ghaddset rasha u baqghet ghaddejja bir-relazzjoni u zzewwget lill-konvenut. Dan, min-naha tieghu, wera li hu kien inkapaci li jistabbilixxi bejnu u bejn martu dik il-komunjoni ta' hajja u mhabba. Irrizulta li kien insensittiv ghall-bzonnijiet ta' martu, partikolarment ghad-dinjita' taghha.

Ferm il-premess, il-Qorti ma thossx li fic-cirkostanzi ghandha ghalfejn telabora aktar fuq il-fatti allegati, u michuda.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-2 ta' April 2005.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------